**QORTI TA’ L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta’ nhar-il Erbgħa 5 ta’ Ottubru 2016**

**App. Nru. 378/14 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Faiz Omar Elsallak**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Faiz Omar Elsallak, karta ta’ l-identita` numru 23784A, talli bħala priġunier fil-Faċilita` Korrettiva ta’ Kordin b’diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda:

(1) fl-4 ta’ Marzu 2012 għal ħabta tas-6.00 p.m. u ħinijiet wara, waqt li kien f’division 6 fil- Faċilita` Korrettiva ta’ Kordin volontarjament ta nhar lil bini jew lok ieħor (ċella numru 13 u għamara) meta ġewwa ma kien hemm ebda persuna fil-waqt tal-ħruq, jew volontarjament ta n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il-bini jew lok ieħor (ċella) jew dan il-materjal kien qiegħed b’mod li seta’ qabbad il-ħruq lil bini ieħor jew lok ieħor fejn f’dak il-waqt kien hemm xi persuna;

(2) fl-istess ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioe` ħsara f'bini u għamara f'ċella numru 13 fil- Faċilita` Korrettiva ta' Kordin liema ħsara ma teċċedix €1,164.69 u teċċedi €116.47 li saret għad-dannu tal- Gvern ta' Malta u/jew ta' persuni oħra;

(3) fis-7 ta' Marzu 2012 għal habta tal-10.00 a.m. u ħinijiet wara, waqt li kien f'division 13 f'ċella numru 11 fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt billi volontarjament ittanta jagħti nar liċ-ċella tiegħu meta ġewwa ma kien hemm ebda persuna fil-waqt tal-ħruq jew volontarjament ittanta jagħti n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il-bini jew lok ieħor (ċella) jew dan il-materjal kien qiegħed b'mod li kieku n-nar seħħ seta' qabbad il-ħruq lil bini ieħor jew lok ieħor fejn f'dak il-waqt kien hemm xi persuna;

(4) fl-istess ċirkostanzi fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra CO 139 Kevin Cauchi, ASCO Carmel Cachia, CO 25 Raymond Cutajar, CO 158 Victor Galea u CO 170 Stephen Camilleri, uffiċjali fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita` kompetenti;

(5) fl-istess ċirkostanzi għamel inġurji u theddid fuq il-persuni ta' CO 139 Kevin Cauchi, ASCO Carmel Cachia, CO 25 Raymond Cutajar, CO 158 Victor Galea u CO 170 Stephen Camilleri uffiċjali fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qegħdin jagħmlu dan is-servizz bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;

(6) fl-istess ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuni oħra cioe` kkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' CO 139 Kevin Cauchi uffiċjal inkarigat minn servizz pubbliku skond ma ċċertifika Dr Bugeja Justine Reg. No. 5275 mill-Isptar Mater Dei;

(7) fl-istess ċirkostanzi m'obdiet l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita` jew ta' uħud inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma ħalliex jew fixkel lil dawn cioe` lil CO 139 Kevin Cauchi, ASCO Carmel Cachia, CO 25 Raymond Cutajar, CO 158 Victor Galea u CO 170 Stephen Camilleri uffiċjali fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin waqt li kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom u billi ma ħallihomx

jagħmlu dak il bil-ligi kienu ordnati li jagħmlu u jew jista' jagħmlu u billi ġab fix-xejn jew ħassar dak il-ħaddieħor għamel skond il-liġi b'mod li jkun;

(8) fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi ħebb għal CO 139 Kevin Cauchi, ASCO Carmel Cachia, CO 25 Raymond Cutajar, CO 158 Victor Galea u CO 170 Stephen Camilleri uffiċjali fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex jinġurjahom, idejjaqhom u jagħmlilhom ħsara;

(9) fl-istess ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u cioe` ħsara f'uniformi liema ħsara ma tiskorrix €23.29 li saret għad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew ta' ħaddieħor;

(10) sar reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna li jitħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta` ta' CO 139 Kevin Cauchi, ASCO Carmel Cachia, CO 25 Raymond Cutajar, CO 158 Victor Galea u CO 170 Stephen Camilleri u tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li permezz tagħha ma sabitx lill-imsemmi Faiz Omar Elsallak ħati tat-tmien imputazzjoni u minnha lliberatu iżda sabitu ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba', id-disa' u l-għaxar imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal perjodu ta' ħames (5) snin priġunerija, kif ukoll, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti f'dawn il-proċeduri, u cioé is-somma globali ta' ħames mija u tnejn u erbgħin Euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€ 542.78) fi żmien tliet xhur mid-data tas-sentenza appellata. Inoltre l-ewwel Qorti , wara li rat l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, rabtet lill-istess Faiz Omar Elsallak b'garanzija personali ta' elf Euro (€1000.00) għal żmien sena mid-data tas-sentenza appellata fil-konfront ta' CO 139 Kevin Cauchi, ASCO Carmel Cachia, CO 25 Raymond Cutajar, CO 158 Victor Galea u CO 170 Stephen Camilleri;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell tal-istess Faiz Omar Elsallak ppreżentat fit-8 ta' Ottubru 2014 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma sabitux hati tat-tmien imputazzjoni, u tilliberah mill-imputazzjonijiet l-oħra. Fin-nuqqas tagħti sentenza aktar ekwa u ġusta;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat;

**5.** L-aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti ma għamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti. L-appellant jgħid illi l-incident beda f'Division XIII għaliex ħaraq karta. L-awtoritajiet tac-CCF għamlu *over-reaction* billi ġabu *hose-pipe*. L-appellant ma jeskludix li l-intenzjoni vera ta' xi uffiċjali kienet sabiex jagħmlu ħsara lill-ħwejjeġ tiegħu. Bħala konsegwenza ngħata kastig billi ħaduh Division VI, fejn ma hemmx għamara u hemm sempliċi saqqu maħmuġ. B'hekk il-ħsara sofriha hu u mhux l-awtoritajiet.

**6.** L-appellant ikompli jgħid illi ġie ppruvat li huwa ma kellux snien u b'hekk ma setax li kien hu li gidem lil CO 139 Kevin Cauchi. L-ewwel Qorti qalet fis-sentenza tagħha li xorta ġie ppruvat li kkawża ġrieħi ta' natura ħafifa fuq l-istess Correctional Officer. Iżda skond l-appellant dan jimpinġi fuq il-kredibilita` tax-xiehda ta' dawn l-uffiċjali.

**7.** Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti. Kwantu għall-fatt li, skond l-appellant, hemm diverġenzi jew inkonsistenzi fil-provi, ġie diversi drabi ritenut li mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata.

**8.** Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi kollha miġjuba quddiem l-ewwel Qorti, kemm dawk tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiża, inkluża x-xiehda ta' l-appellant stess.

**9.** Il-fatti mhumiex proprjament kif jispjegahom l-appellant fir-rikors ta' appell tiegħu. Fil-fatt il-każ jirrigwarda inċidenti li ġraw f'jumejn differenti. Fl-4 ta' Marzu 2012 meta saret tfittxija fiċ-ċella ta' l-appellant numru erbatax f'Diviżjoni tlettax, instab likwidu suspettuż. Sakemm isiru l-investigazzjonijiet meħtieġa, l-appellant ġie trasferit għaċ-ċella numru tlettax fid-Diviżjoni sitta.

Waqt illi kien f'din iċ-ċella, ta n-nar lis-saqqu li nqered għal kollox u saret ħsara lil *wooden stand* u *wall fan* tal-metall. Iċ-ċella kellha wkoll titbajjad.[1] L-inċidenti l-oħra seħħew fis-7 ta' Marzu 2012 fid-Diviżjoni tlettax fejn kien reġa' ntbagħat l-appellant. Hemm l-appellant kellu argument ma' xi priġunier ieħor, lill-appellant sakkruh fiċ-ċella u wara ftit deher duħħan ħiereġ minn taħt il-bieb taċ-ċella tiegħu. Skond l-appellant kull ma ħaraq kienet karta li waddab taħt il-bieb, u dan sabiex jiftħulu għax kienu ħallewh magħluq u ma ħadulux pilloli. L-appellant ċaħad li kien hemm nar u għalhekk il-gwardjani ma kellhomx għalfejn jidħlu bil-*fire extinguisher* u bil-*hose pipe*. Ċaħad ukoll li fil-kommozzjoni li kien hemm meta ġew il-gwardjani huwa gidem lil xi ħadd għax m'għandux snien.

**10.** Din il-Qorti tifhem illi l-appellant seta' ħassu urtat minħabba ċ-ċirkostanzi, iżda, speċjalment wara l-inċident ta' l-4 ta' Marzu 2012, l-aktar ħaġa li ma kellux jagħmel kien bla dubju li jerġa' jkebbes in-nar. Għalhekk din il-Qorti ma tlumx lill-gwardjani li marru lesti biex jitfu n-nar, u ma kien xejn – bħal ma jsostni l-appellant – *over-reaction* da parti tagħhom. Is-*senior correctional officer* Dennis Cassar jgħid illi huwa uża l-*fire extinguisher* iżda ma ntefiex in-nar filwaqt illi l-Maġġur Charles Cachia fetaħ l-ilma. Skond ix-xhud, l-appellant ħataf lill-Maġġur Cachia mill-flokk biex jeħodlu l-manku ta' l-ilma, ix-xhud ordna li l-appellant jiġi mmanettjat u l-appellant beda jirreżisti. Il-Maġġur Cachia kkonferma li l-appellant qabdu mill-flokk (*pullover)* waqt li kien qiegħed jipprova jitfi n-nar u l-*pullover* tqatta'. Gwardjani oħra qabdu lill-appellant biex jimmanettjawh u beda "jissielet" magħhom. L-uffiċjali tal-ħabs Raymond Cutajar u Victor Galea stqarrew illi meta kienu qegħdin jippruvaw ineħħu lill-appellant minn mal-Maġġur Cachia, rawh jigdem lill-*correctional officer* Kevin Cauchi. Dan Kevin Cauchi stess jikkonferma li l-appellant gidmu. Kif ingħad, l-appellant ċaħad li gidem lil xi ħadd. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-imsemmi Kevin Cauchi m'għandux ma jitwemminx, aktar u aktar meta ndunaw b'dak li ġara uffiċjali oħra. Il-fatt li l-appellant m'għandux snien ma jfissirx li mhux kapaċi jigdem u li mhux kapaċi jagħmel ħsara. Naturalment il-ħsara li tista' ssir tkun inqas milli kieku kellu s-snien. Infatti l-offiżi li ġarrab l-imsemmi Kevin Cauchi kienu ta' natura ħafifa.[2]

**11.** Fid-dawl ta' dawn il-konstatazzjonijiet, din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti għamlet analiżi korretta tal-provi u l-konklużjonijiet tagħha dwar il-ħtija ta' l-appellant huma korretti.

**12.** Aggravju ieħor ta' l-appellant hu li mid-*decide* tas-sentenza jidher li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali u b'hekk żiedet il-piena. Mill-fatti u mill-akkużi dedotti kontra tiegħu jidher ċar, isostni

[1] Ara lista tad-danni a fol. 33 u r-relazzjoni tas-*scene of crime officer* P.S. 239 Joseph Caruana a fol. 61 *et seq.*
[2] Ara ċertifikat a fol. 32.

l-appellant, li kien hemm inċident wieħed u ma jirriżultax li kien hemm xi reat kontinwat. L-appellant, pero`, m'għandux raġun peress illi l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet jirrigwardaw l-istess natura ta' reat, bid-differenza li fil-każ ta' l-ewwel imputazzjoni r-reat kien wieħed komplut filwaqt li fil-każ tat-tielet imputazzjoni kien hemm tentattiv.

**13.** Fl-aħħarnett l-appellant jgħid illi għar-rigward il-piena ta' ħames snin priġunerija, jidher ċar li huwa fuq in-naħa tal-massimu. L-appellant jagħmel referenza għal sentenzi oħra fejn ir-reati kienu simili bħal ta' Josef Scerri, li ngħata sentejn priġunerija, Jeremy Farrugia ngħata sentenza ta' mija u għoxrin Ewro għal ħsara fis-saqqu, Anthony Mallia ngħata sentenza ta' sena priġunerija. Oħrajn li kellhom inċidenti simili lanqas tressqu l-Qorti iżda ngħataw piena amministrattiva mis-CCF bhal Wael Dwah u Avadi Madou.

**14.** B'referenza għal ġurisprudenza oħra, din il-Qorti dejjem sostniet li l-paraguni huma odjużi u kull każ irid jiġi kkunsidrat fuq il-mertu tiegħu. Id-disparita` lamentata mill-appellant hi bejn is-sentenza moghtija fil-konfront tiegħu u dawk moghtija f'każijiet li mhumiex relatati. Bħalma jingħad f'Archbold, *Criminal Pleading, Evidence and Practice,* 2001 (para. 5-174, p. 571): **"The court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see *R. v. Large*, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A.)."**

**15.** Inoltre, mhuwiex normali li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-liġi jew ma tkunx manifestament sproporzjonata meqjusa ċ-ċirkostanzi tal-każ. Il-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet ta' ħames snin priġunerija. Fil-każ in eżami l-piena applikabbli dwar l-ewwel imputazzjoni hi dik ta' priġunerija minn tliet snin sa ħames snin li, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, tista' titla' bi grad għal priġunerija minn erba' snin sa sitt snin. Kif ingħad, huwa wkoll applikabbli l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk il-piena tista' terġa' titla' bi grad għal priġunerija minn ħames snin sa disa' snin jew b'żewġ gradi għal priġunerija minn sitt snin sa tnax-il sena. Dan hu mingħajr ma titqies il-piena dwar l-imputazzjonijiet l-oħra, naturalment bl-applikazzjoni tal-paragrafi (b), (d) u (h) ta' l-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk il-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet entru l-parametri tal-liġi.

**16.** L-ewwel Qorti mponiet il-piena in kwistjoni wara li qieset "il-fedina penali tal-imputat (li hija waħda kulurita), in-natura tar-reati addebitati lill-imputat u li ġew pruvati, il-fatt li dawn ir-reati ġew kommessi waqt li l-imputat kien qiegħed il-ħabs u kif ukoll il-fatt li l-imputat ser jitqies bħala reċidiv."

**17.** Jiġifieri l-piena nflitta mill-ewwel Qorti, apparti li, kif ingħad, hi fil-parametri tal-liġi, ġiet imposta minnha, fid-diskrezzjoni tagħha, wara li kkunsidrat dak kollu li dehrilha relevanti. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, u wara din il-Qorti wkoll rat il-fedina penali ferm rfrattarja ta' l-appellant, ma tarax li huwa l-każ li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif eżerċitata f'dak li huwa l-quantum tal-piena karċerarja.

**18.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta' Faiz Omar Elsallak u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, b'dan li l-perijodu għall-ħlas ta' l-ispejjeż peritali lir-Reġistratur tal-Qorti jibda jiddekorri millum, u b'dan ukoll illi l-obbligazzjoni għas-sigurta` ta' persuni skond l-artikolu 383(1) tal-Kodiċi Kriminali (iffirmata minnu fid-29 ta' Settembru 2014 a fol. 308) tibda tgħodd millum. Tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin għall-kundizzjoni medika ta' l-appellant sabiex ikompli jingħata l-aħjar kura meħtieġa.